MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 9/2010

Avviz Numru 9/2010

Dominic Department Stores Limited (C8029)

vs

Anthony Muscat

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-2 ta' Marzu 2010, li jghid hekk :

'Illi l-konvenut xtara diversi kwantitajiet ta' oggetti tal-bini minghand is-socjeta' attrici.

Illi bi hlas ghal dan, ghadha dovuta lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tmien mija u sitta u hamsin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€1,856.74).

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet u minkejja diversi promessi l-hlas baqa' ma sarx.

Illi qed jintalab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas sew dan l-ammont flimkien mal-imghax mit-18 ta' Awwissu 2008 sad-data tal-hlas effettiv, u kif ukoll l-ispejjez ta' dawn il-proceduri u dawk tal-ittra interpellatorja tal-10 ta' Dicembru 2009, u tal-ittra ufficjali numru 12/2010.' ;

Ra r-risposta tal-konvenuti tat-30 ta' April 2010, li tghid hekk :

'Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma huwa dovut l-ebda ammont ;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.' ;

Sama' l-provi ;

Ra l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esibiti ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Din il-kawza tikkoncerna bejgh li sar mis-socjeta' attrici ta' diversi materjali tal-kostruzzjoni li gew ordnati u kkonsenjati lill-konvenut, u li l-prezz taghhom baqa' ma giex saldat. Il-konvenut jichad li kien hu li ordna u ha l-oggetti li jirrizultaw mill-*invoices* bin-numri 17532, 17533, 17538, u 17542. Jikkontesta kemm li l-firma li tidher fuq tnejn minn dawn l-erbgha *invoices* hija tieghu kif ukoll l-indirizz u n-numru tal-mobile li jidhru fuq l-istess *invoices* ipprovdihom hu minkejja li jikkonferma li kemm l-indirizz huwa tieghu kif ukoll in-numru tal-mobile huwa tieghu. Minkejja l-konflitt li hemm fil-provi tal-partijiet jjinsab deciz pero' illi 'mhux kwalunkwe' tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet

tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha .... .... Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke' fuq il-bilanc tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant .... .... . Anzi', f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita' tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti .' [Prim'Awla, **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia**, 24 ta' Novembru 1966, per Imhallef Maurice Caruana Curran]. F'sentenza ohra l-imsemmi Imhallef insenji kien ippreciza illi 'fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi il-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hiex possibbli u minn lewn id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja.' [Appell Sede Inferjuri, **Joseph Borg et vs Joseph Bartolo**, 25 ta' Gunju 1980] ;

Dan it-Tribunal fela bir-reqqa x-xhieda kollha u jinsab moralment konvint li l-ordnijiet li jirrizultaw mill-erbgha *invoices* fuq imsemmija saru mill-konvenut u li l-konsenji tal-materjali ttiehdu minnu. Dan ikkonfermatu wkoll wahda mill-haddiema li tahdem mas-socjeta' attrici li ghamlet il-bejgh hi ta' dawn il-materjali lill-konvenut u li taghhom ma kien ghamel ebda hlas, u Dominic Sultana spjega wkoll il-materjal li gie ordnat mill-hanut tieghu fuq liema lant tax-xoghol kien uzah il-konvenut, kif ikkonfermaw ukoll in-nies li hadmilhom dak iz-zmien li l-konvenut kien xtara dan il-materjal, u cioe' Peter Borg u Emidio Azzopardi li tal-ewwel spjega li l-materjal kien gabu l-konvenut filwaqt li tat-tieni spjega li kien hemm materjal li gabu l-konvenut li ma giex imdahhal fil-kont li dan ix-xhud kellu miftuh mas-socjeta' attrici ;

It-talba attrici tirrizulta ghalhekk gustifikata u timmerita li tigi milqugha ;

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380 ;

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf tmien mija u sitta u hamsin Euro u erbgha u sebghin centezmi (€1,856.74), ammont dovut ghar-ragunijiet imsemmija fl-avviz tat-talba, li l-konvenut naqas li jhallas lis-socjeta’ attrici tal-materjali li xtara u li gew lilu kkonsenjati, bl-imghaxijiet b’effett mid-data tal-konsenji relattivi sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, kontra l-istess konvenut, inkluzi wkoll dawk tal-ittra ufficjali numru 12/2010 tal-25 ta’ Jannar elfejn u ghaxra (2010).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------